MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 524/2006

**Dr. Christian FARRUGIA bħala Mandatarju Speċjali ta' Andrew Williams u Julie Anne Jaskson nee Williams**

**vs**

**Neville CURMI li b'degriet tat-28 ta' Ġunju, 2006 ġie nominat Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-assenti Michael Williams ta' nazzjonalita' Brittanika bin il-mejjet Frank u Hilda Evelyn nee Scragg imwieled Kendal, l-Ingilterra u residenti Malta, bin-numru tal-Karta ta' l-Identita' 004555(A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-8 ta' Ġunju, 2006, li bih ir-rikorrent nomine ippremetta;
Illi r-rikorrent huwa prokuratur speċjali ta' l-imsiefrin aħwa Andrew Williams u Julie Anne Jackson nee Williams;

Illi l-mandanti ta’ l-esponent huma ulied Michael Williams, ta’ nazzjonalita’ Brittanika bin il-mejjet Frank u Hilda Evelyn nee Scragg imwieled Kendal, l-Ingilterra u residenti Malta, bin-numru tal-Karta ta’ l-Identita’ 004555(A);

Illi fit-3 ta’ Diċembru 1995, jiġifieri aktar minn għaxar snin ilu, missier il-mandanti ta’ l-esponenti kien passiġġier fuq ajruplan li kien qiegħed jittajjar bejn Djerba, Tunisija u Malta (PA – 32 9H-ABU). Waqt it-titjira intilef kuntatt bejn l-‘air traffic controllers’ taż-żewġ pajjiżi u l-vjaġġ qatt ma ġie kompletat;

Illi l-każ kien ġie investigat mill-Bord ta’ l-Inkjesta appuntat mill-Awtoritajiet ta’ l-Avjazzjoni Ċivili, presjeduta minn Dr. Philip Sciberras (Illum Imħallef). Madanakollu mill-investigazzjonijiet illi kienu saru, waqt illi l-ajruplan imġarraf kien instab, il-kadavri tal-passiġġieri fosthom ta’ Michael Williams, qatt ma nstabu;

Illi waqt illi kienu qed isiru l-investigazzjonijiet, l-intimat Neville Curmi, kien, fuq talba tar-rikorrent nomine b’rikors tas-17 ta’ April 1996 (rikors numru 746/96), ġie appuntat bħala kuratur tal-beni kollha ġewwa Malta;

Illi llum, aktar minn għaxar snin wara l-inċident ta’ l-ajru fuq indikat, għad ma hemm l-ebda aħbarijiet oħra dwar missier il-mandanti ta’ l-esponenti;

Illi għalhekk, l-assenza ta’ Michael Williams damet għal żmien ta’ għaxar snin kontinwi mid-data ta’ l-aħħar aħbar dwar l-istess Williams;

Għaldaqstant talab lil din il-Qorti tiddikjara illi Michael Williams, ta’ nazzjonalita’ Brittannika bin il-mejjet Frank u Hilda Evelyn nee Scragg, imwieled Kandall, l-Ingilterra u li kien joqgħod Malta, numru tal-Karta ta’ l-Identita’ 004555(A), li jiġi missier l-esponenti Andrew Williams u Julie Anne Jackson, ilu nieqes għal aktar minn għaxar (10) snin, u dan għall-finijiet tal-art. 223 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta’ Ġunju, 2006, minn Neville Curmi, bħala Kuratur tal-imsemmi Michael Williams, kif maħtur b’degriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta’ April, 1997, li biha huwa laqa’ n-notifika tal-Bandu għall-ħatra ta’ Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-istess Michael Williams;

Rat in-nota mressqa mill-intimat Neville Curmi fl-1 ta’ Settembru, 2006, li biha ammetta kif dedotta fir-rikors;

Rat l-atti relattivi, magħdudin dawk tal-Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Voluntarja;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat kuratur, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-intimat kuratur tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent nomine kif dedotta fir-rikors u tiddikjara li l-imsemmi Michael Williams ilu nieqes minn Malta għal żmien ta’ għaxar (10) snin kontinwi minn mindu l-aħħar instema’ b’aħbaru, għall-finijiet u effetti kollha tal-art. 223 tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------